MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru 384/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Teresa Azzopardi**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Teresa Azzopardi bint Carmelo u Carmela nee' Cachia, mwielda fil-25 ta' Mejju 1966 u residenti '2', Pjazza Celsi, Sqaq Nru : 1, Naxxar u detentrici tal-karta tal-identita' numru 310066(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fit-23/02/2010 ghall-habta ta' 08.30hrs gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, saqet Cikletta :

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajret lill-Yasmine Muscat u nvolontarjament ikkagunatilha feriti ta' natura gravi hekk kif iccertifika Dr. R. Busuttil MD (1854) mill-Mosta HC, kif ukoll tajret lill-M'Victoria Muscat u nvolontarjament ikkagunatilha feriti ta' natura hafifa hekk kif iccertifika l-istess tabib indikat.

Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Mejju 2010 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat li l-parti civili irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputata.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tal-21 ta' Mejju 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata rregistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-parte civile rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-taghha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------